

Minn hawn u minn hemm

Tarani miexi fit-triq, ma taqtax minn fejn jien. Abjad m'inx, tal-anqas mhux sa barra, u ma tgħidx li jien iswed lanqas. "Minn fejn int?", isaqsuni dejjem, kultant saħansitra qabel ma jsaqsuni x'jisimni. Heqq, ikkumplikata l-biċċa. Mhux kulħadd ikollu l-paċenzja jisma' l-istorja kollha, u nammetti, xi minn daqqiet lanqas jien ma jkolli s-sabar nirrakkuntaha, bir-razza u r-radika b'kollox. Lil min għandu widnejn biex jisma', nista' nsemmilu erba' pajjiżi jew anki ħamsa, dik l-inqas ħaġa, iżda f'liema ordni? Dik hi l-problema! U jkolli ngħid, jiddependi ħafna mill-burdata.

"Minn fejn int?" Mistoqsija tant sempliċi - u mhux dejjem innoċenti - li sa snin ilu kienet iddaħħalni fi kriżi ta' identità liema bħalha, speċjalment l-iskola. L-aġar meta tasal xi Tazza tad-Dinja, tal-futbol s'intendi, u jkolli nagħżel ma' liema pajjiż se nżomm. Għax, taf int, donnok ma tistax iżżomm ma' tnejn f'daqqa, aħseb u ara erbgħa jew ħamsa. Missieri wkoll, l-istess ħaġa jgħidli. Malti, iżomm mal-Italja. U akkanit! Trid tara wiċċu jixgħel hekk kif jisma' l-ewwel ftit noti tal-innu ta' Mameli, isirlek iktar Taljan mit-Taljani. Ma tistax ma tiggustahx. Ommi, min-naħa l-oħra, ma tantx tħabbel rasha, daqqa ma' pajjiż u daqqa ma' ieħor. Mal-Olanda, għax twieldet u trabbiet f'Amsterdam; mal-Brażil, għax ħdejn is-Surinam, pajjiż nannti; u ma' Franza, pajjiż nannuwi. U biex tkompli tħawwar il-borma, jien meta ġejt fid-dinja sibt ruħi Liège, il-Belġju, fejn għadni ngħix sal-lum. Daqskemm inħossni Belġjan, inħossni barrani. Għidli ftit, ma' min suppost inżomm?

Dis-sena qtajtliha li nżomm mal-Belġju; mhux biex inpaxxi 'l sħabi, imma għax hemm plejer partikolari li nammira wisq, u tassew nidentifika ruħi miegħu. Jismu Adnan Januzaj, ta' mpari (19-il sena), u qabel ma ddeċieda li jingħaqad mal-Belġju, kien eliġibbli li jilgħab għal ħamsa pajjiżi differenti. Kważi kważi sitta, għax l-Ingliżi riduh ukoll, ja makakki l'huma! Plejer tal-għaġeb, qisu ġej minn pjaneta oħra. Kultant noħlom li jkun hemm tim internazzjonali għal plejers 'imżewqa' bħalu, flok ikollhom jiddikjaraw il-lealtà tagħhom lil pajjiż wieħed biss. Speċi ta' tim "planetarju" jew "bla fruntieri", imma l-problema ovvjament tkun li ma jkollux territorju. Jonkella tim "Ewropew", imqar bħala speċi ta' kompromess. Anki jekk l-oriġini tiegħi ma jkunux irrappreżentati bis-sħiħ, magħhom inżomm żgur. Ikaxkru 'l kulħadd kieku!